Minuti tad-19 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 5.05pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | Louis Apap |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | David Apap Agius |
| | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv — Emily Amatulli Depasquale

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-18 il-laqgha

1.01 Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu fil-bidu tal-laqgha ghandhom jitnizzlu l-membri li kien hemm prezenti meta inbdiet il-laqgha peress li din tista' ma tiftiehemx. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

1.02 Emanuel Muscat talàb sabiex isir korezzjoni fil-minuti fejn kien hemm imsemmi l-fiera fil-berah sabiex tkun tiftiehem sewwa fejn din kellha tkun li d-dhul ta' l-ewwel zewg fieri ser jinzamm mill-Kunsill sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li kien hemm. Il-fieri li ser ikunu organizzati issa ser ikunu responsabbli l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u ghalhekk id-dhul u l-ispejjez relatati ser ikunu responsabilita' ta' l-istess Ghaqda.

1.03 Il-Minuti tat-18 il-laqgha gew approvat u ffirmati bhala dokument korrett.

## 2.0 Ftuh Latrina Pubblika fl-Isports Complex u manutenzjoni tal-Leisure Park / Playing Field

2.01 Is-Sindku spjega l-proposta tieghu li tinfetah il-latrina pubblika ta' l-isports complex li jinsab fi Triq Tumas Cassar.

2.02 Huwa qal li t-tindif tal-Playing Field u tal-Leisure Park kien qieghed isir minn Raymond Rotin pero' fl-opinjoni tieghu dan il-haddiem jista' jintuza' sabiex isiru xogholijiet ohra madwar il-lokalita' fejn b'hekk tkun qeghda ukoll titnaqqas il-*work load* kif ukoll jitnaqqas l-uzu tal-kuntaratt tal-handyman Emanuel Saliba. Dan ikun qieghed ifisser ukoll nuqqas ta' spejjez. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.03 Is-Sindku spjega ukoll li Raymond Rotin kien qieghed jitlob spejjez tal-*petrol* ghar-raguni li kien qieghed juza l-vettura personali tieghi sabiex igorr il-materjal minn post ghall-iehor. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li s-Sur Rotin talab ukoll

spejjez ghall-*tyre* tal-karozza li kien kisser waqt li kien fuq ix-xoghol tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-haddiem ghandu jithallas ta' dawn l-ispejjez u li ghandu jinzamm log book ta' dan.

2.04 Lura ghall-punt 2.1, Emanuel Muscat staqsa xi spejjez ikun hemm involuti? Is-Sindku spjega li fl-opinjoni tieghu peress li l-post jaghmlu uzu minnu l-Gharb Rangers ghandhom jintalbu huma stess sabiex jaghmlu dan ix-xoghol b'renumerazzjoni ta' €150 u jekk il-Kunsill jara li b'dan il-mod l-area tal-Leisure Park tkun qed tinzamm tajjeb l-Kunsill ghandu johrog offerta' pubblika li tkopri dan is-servizz.

2.05 Il-Vici Sindku staqsiet dwar x'isir minn Emanuel Saliba f'dan il-kaz. Kien spjegat li s-Sur Saliba qieghed fuq kuntratt tas-servizz.

2.06 Is-Sindku talab sabiex jigi skuzat u hareg mill-kamra peress li huwa membru tal-Gharb Rangers F.C. u ghalhekk ghandu interess. Fl-istess waqt huwa talab lill-Vici Sindku sabiex tkompli tmexxi l-laqgha fl-assenza tieghu.

2.07 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel mall-proposta tas-Sindku fejn dan is-servizz ikun responsabbli minnu l-Gharb Rangers FC u jinkludi tindif tal-Playing Field, Leisure Park kif ukoll il-qtugh tal-haxix u tindif tal-ground u frattant il-Kunsill ghandu jipprepara d-dokument ta' l-offerta'. Dan is-servizz m'ghandux taqbez l-ammont tad-*direct order*.

2.08 Is-Sindku gie imsejjah u rega' dahal lura fil-kamra tal-laqgha.

2.09 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin gibed l-attenzjoni li fi Triq Tumas Cassar kien hemm problema peress li r-residenti tal-blokka ta' appartamenti li tinsab quddiem il-belveder fejn il-kantuniera ma' Triq Karmni Grima kienu qeghdin johorgu l-iskart f'hinijiet li fihom ma jingabarx skart u ghalhekk il-klieb u qtates kienu qeghdin iqattghu l-boroz u ihamgu l-*area* tal-madwar. Kien ghalhekk li gie issuggerit minn l-istess Raymond Rotin sabiex isir hadida biex l-iskarat jiddendel maghha.

2.10 Emanuel Muscat qal li l-iskeda tal-gbir ta' skart hija problema peress li bejn l-Erbgha u s-Sibt hemm wisq tul. Kien innutat li l-iskeda kienet saret hekk bi qbil fil-Kunsill qabel ma gie iffirmat il-kuntratt. Fil-bidu kien ikun hawn ilmenti pero' issa m'ghadx baqa' ghaliex ir-residenti draw jimxu ma' din l-iskeda.

2.11 Saret diskussjoni fejn il-Kunsill ma qabilx li ghandha tehel hadida ghaliex din tkun qed tikkaguna li jinhareg l-iskart f'hinijiet u granet barra l-iskeda. Fuq suggeriment ta' David Apap Agius sar qbil li ghandu jigi ikkuntatjat il-kuntrattur tal-gbir ta' l-Iskart biex minflok l-Erbgha l-iskart jingabar il-Hamis u jigu ukoll infurmati r-residenti permezz ta' l-avvizi tal-Kunsill. Is-Sindku issugerixxa sabiex l-iskeda tas-Sajf tidhol fis-sehh qabel Lulju. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ha jigi innotat jekk jingabar il-Hamis tkunx ahjar ghar-residenti.

**3.0 Hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv**

3.01 Lisa Marie Brooke talbet li tigi skuzata peress li ghandha interess personali u hareg mill-kamra.

3.02 Il-Kunsill qabel li l-hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghandha tigi imgedda.

3.03 Lisa Marie Brooke isejjhet lura u regghet dahlet fil-kamra.

**4.0 Data - Seher il-Punent 2014**

4.1 Saret diskussjoni fir-rigward tad-data ta' Seher il-Punent fejn il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi organizzat f'Mejju fl-ewwel *weekend* jew fit-tieni *weekend.* Ghandu pero' jigi iccekjat jekk hemmx xi attivitajiet ohra f'dawn id-dati kemm mall-Arcipriet kif ukoll mall-Kultura u jigi infurmat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jaghti l-approvazzjoni tieghu.

4.02 Is-Sindku issugerixxa ukoll li Seher il-Punent ghandu jigi organizzat fuq jumejn jigifieri s-Sibt u l-Hadd minflok fuq 3 t'ijiem. Huwa spjega ukoll li s-Sibt tista' issir serata folkloristika fejn ikun hawn ghannejja. F'laqgha ohra ghandu ikun diskuss x'jista' jsir il-Hadd filghodu u filghaxija. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**5.0 Ground tal-Football**

5.01 Is-Sindku spjega li fil-prezent il-ground tal-football huwa kbir 115m x 55m u il-hsieb li l-area li ghanda issir bit-turf artificjali kella tkun ta' 90m x 45m. Huwa kompla billi qal li tkellem ma' Alvin Grech President tal-Gozo Football Association f'dan ir-rigward u huwa qal li ikun l-ahjar jekk l-arja tat-turf tkun 90m x 50m ghaliex dan jaghti aktar possibilita' ta' uzu. L-ispiza b'hekk minn €20,000 issa ser tikber u dan ifisser li l-Kunsill ser jinvesti €35,000 flok €20,000. B'hekk l-Kunsill ser johrog €7,000 fis-sena flok €5,000. Is-Sindku spjega li fil-budget li kien ser jigi diskuss hemm mahsub din l-ispizza.

5.02 Is-Sindku spjega li kellu talba sabiex fl-isqaq fi Triq San Pietru fejn kienet toqghod Theresa Vella l-bozza titharrek u tigi quddiem *drive in* li tinsab fuq in-naha l-ohra tas-sqaq.

5.03 Emanuel Muscat staqsa lis-Sindku jekk kienx tkellem mar-residenti ikkoncernati. Is-Sindku spjega li huwa kien qiegħed iresssaq it-talba ghall-approvazjoni tal-Kunsill u li jekk ikun hemm qbil jittiehdu il-proceduri necessarji.

5.04 David Apap Agius issugerixxa li f'dan ir-rigward ghandha issir talba lil kuntrattur ta' l-istreet lighting biex wiehed jara kemm ser tigi tiswa.

5.05 Il-Kunsill qabel li ser issir it-talba lill-kuntrattur.

5.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienu inxtraw 20 xkora ta' tarmak biex ikun jista' jsir patching.

5.07 Lisa Marie Brooke qalet li fl-isqaq ta' fejn l-kaziz tal-Banda kien qieghed fi stat disastruz u li kien hemm bzonn li l-hofor li hemm b'mod partikolari fil-bidu jitrangaw. Il-Kunsill qabel li Raymond Rotin ser jigi infurmat biex iwettaq it-tiswijiet mehtiega.

5.08 Lisa Marie Brooke semmiet ukoll li fil-bidu ta' dan l-isqaq kien hemm il-hajt tad-dar ta' Dr. Chris Barbara li kien imbezaq il-barra u li kien ta' periklu. Il-Kunsill qabel li ser jigi avvicniat is-sid sabiex jaghmel it-tiswijiet mehtiega.

5.09 Il-Vici Sindku semmiet li l-hofra ta' quddiem Anthony Attard, 'Ave Maria', Triq Karmni Grima regghet infethet. David Apap Agius qal li f'dan il-post kien hemm problema fuq il-main ta' l-ilma u filfatt dan kien sar rapport tieghu lil Water Services Corporation.

5.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet inxtrat zebgha safra sabiex ikun jista' jsir zebgha fit-triq. Lisa Marie Brooke qalet li quddiem ir-residenza taghha 'Angelus', Triq Trux kellhom problema minhabba li l-karozzi jipparkjaw ezatt mall-bieb tal-garaxx u ma jkunux jistghu johorgu mill-garaxx bil-vettura taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandhom jsiru s-sinjali mehtiega.

## 6.0 Approvazzjoni tal-Budget 2014

6.01 Giet ipprezentata kopja tal-Budget lill-Kunsilliera u s-Sindku ta' spjegazzjoni ta' f'hiex kien jikkonsisti l-Budget.

6.02 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk ikunx hemm xi dhul mis-sistema tal-gwardjani Lokali. David Apap Agius spjega li mis-sistema tal-gwardjani qatt ma kien hemm dhul.

6.03 Lisa Marie Brooke issuggerit sabiex jibda' jkun hemm *breakdown* bhal fis-snin ta' qabel biex ikun jista' jifthiem ahjar.

6.04 Emanuel Muscat staqsa dwar il-vot tal-*professional services* kif qieghed daqshekk baxx. David Apap Agius spjega li peress li m'hawnx kuntratti godda xi jigu evalwati mhux qed inkun hemm previzjoni ta' spejjez f'dan ir-rigward.

6.05 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kaz tal-familja Debrincat fi Triq Dun Alwig Mizzi u Triq il-Knisja. David Apap Agius spjega li dak in-nhar kien ghadu Sindku u kien iltaqa' ma' l-Engieniera Ms. Josephine Vella u il-*forman* tal-Enemalta u mall-kuntrattur Joe Debono fejn dan ta' l-ahhar kellu jahdem stima tax-xogholijiet li jridu

jsiru ghall-Enemalta u fl-istess waqt jipprepara stima ukoll sabiex kif jitlesta' x-xoghol issir ukoll il-bankina.

6.06 Il-Vici Sindku staqsiet jekk il-korsijiet li jigu organizzati fis-sajf jaqghux that il-vot tal-Community and Hospitality fejn David Apap Agius ikkonferma li dawn jaqghu that l-imsemmi vot.

6.07 Fir-rigward tal-korsijiet tas-Sajf David Apap Agius spjega li Dun Guzepp Tabone kien tkellem mieghu sabiex jara l-possibilita' li jergghu jigu organizzati l-korsijiet tad-drama tas-Summer Club bis-sehem tal-Kunsill Lokali l-Gharb bhal ma kien gara fis-sena precedenti. Huwa spjega li minhabba li l-budget ma kienx jippermetti huwa kien iddiskuta ma' Victor Galea l-possibilita' li bhala Dipartiment tal-Edukazzjoni tghin permezz tat-teacher tas-Summer School li jigu ghall-iskola Primarja. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill ghandu jkompli jimxi b'dawn id-diskussjonijiet kemm mall-parrocca kif ukoll mas-Sur Galea.

6.08 Il-Kunsill qabel unanimament mad-draft budget li kien gie ippreparat.

## 7.0 Xiri ta' Bajd / Figolli ta' l-Ghid ghat-tfal tal-lokalita'

7.1 Is-Sindku qal li ta' kull sena l-Kunsill jaghti bajda / figolla ta' l-Ghid lit-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghal din is-sena ghandha terga tinghata.

## 8.0 Skeda ta' Hlasijiet

8.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata u ffirmata mill-membri kollha prezenti.

## 9.0 Korrispondenza u Materji ohra

9.1 Is-Sindku spjega li fi Triq Tumas Cassar kienu tqacctu zewg arbli wahda li kien fiha Gharb Centre u l-ohra li kienet ta' l-iskip. F'dan ir-rigward kienu ukoll ingabru kwotazzjonijiet sabiex terga titwahhal it-tabella ta' l-open skip fejn ta' Raphael Refalo kienet €33.04, Oliver Smart Signs €45 u Gozo Creations €35.54. Il-Kunsill qabel ma' l-irhas kwotazzjoni li kienet ta' Raphael Refalo.

9.02 Emanuel Muscat talab li jigi skuzat u telaq mil-laqgha.

9.03 Saret diskussjoni dwar ir-rotta tal-*buses* wara li il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm ilmenti minhabba il-*bus stops*. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lil Transport Malta biex issir *bus stop* temporanja fejn il-Mithna fi Triq il-Knisja x'hin il-bus tkun diehla lejn il-Pjazza.

9.04 David Apap Agius talab permess lis-Sindku sabiex jaghti spjegazzjoni ta' dak li kien sar fir-rigward tal PC0026/13 fejn huwa spjega li l-MEPA ma accettatax il-proposta

li kienet qeghda issir min-naha tad-Dipartiment ta' l-Artijiet. Ghandha issir talba lill-MEPA sabiex tintbghat lill-Kunsill id-decizzjoni mehuda ufficjalment

9.05 Kienet diskussa il-possibilita li tkun esprorijata il-propjeta' li qed tostakola karregjata tat-Triq Vizitazzjoni kantuniera ma' Tumas Cassar. Kien hemm qbil li din tkun punt fuq l-Agenda ghad-diskussjoni ukoll mall-Ministru ghal Ghawdex.

9.06 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv semmiet ukoll li b'zieda ma' l-iskeda tal-pagamenti kien hemm invoice ta' l-Gharb Rangers F.C. ghat-tindif tal-Latrina Pubblika fi Triq Ta' Pinu. Il-Kunsill approva dan il-pagament.

9.07 David Apap Agius qal li kif jidher fil-monti li jmiss ser ikun hawn 27 kaxxa u talab lill-Kunsill sabiex jitpogga kaxxa quddiem ir-residenza mhux abitata 'St Lawrence'. Il-Kunsill qabel ma' din it-talab peress li f'din id-dar ma joqghod hadd fiha.

9.08 Il-Vici Sindku saqsiet jekk hux mehtieg li s-Security jibqa' hawn sa' l-ahhar ghaliex dan ser ikun ta' spiza akbar ghall-Ghaqda. Il-Kunsill innota li dan huwa necessarju sabiex tinzamm l-ordni u ma jitpoggewx oggetti quddiem residenzi mhux awtorizzati u sabiex kollox jingabar kif suppost.

9.09 Korrispondenza minghand il-MEPA fir-rigward tal-UIF Funds fejn il-Kunsill gie infurmat li fejn ikun hemm plots miftuha dawn ser jiehdu 30% tal-fondi tal-Kunsill sabiex jinghalqu u hekk kif is-sid ihallas jergghu jirrifondjaw il-fond tal-UIF tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandu jintalab lill-MEPA bilanc ta' kemm hemm fondi allokati ghall-lokalita' ta' l-Gharb.

9.10 Korrispondenza minghand studenti ta' l-iskola Primarja Karmni Grima fejn intalbet l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jigu provut *skip on two wheels* biex isir tindif. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir talba lill-Green MT f'dan ir-rigward pero' jekk ikun hemm problema ghandu jinxtara mil-Kunsill.

9.11 Minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-rigward ta' diversi bliet/irhula fl-italja li huma interessati li jidhlu f'gemellagg ma' belt / rahal Malti.

9.12 Minghand Mario Farrugia Borg, kanditat ghall-elezzjoni ghall-Parlament Ewropew fejn informal ill-Kunsill li jekk jixtieq il-Kunsill tista' ssir laqgha mieghu.

9.13 Minghand Ozone Ltd bi proposta lill-Kunsill ghal servizz ta' telefonia u internet fejn il-Kunsill ser ikun qieghed bi prezzijiet ahjar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta jekk huma ikunu qed ikopru ukoll is-servizz tal-payphones.

9.14 Minghand l-Ghaqda Kulturali Wirt Naxxari fir-rigward ta' harga kulturali li ser issir gewwa l-lokalita' ta' l-Gharb fit-28 ta' Mejju. Il-Kunsill gie mitlub sabiex jipprovdi persuna gwida kif ukoll qassis biex jiccelebra l-Quddiesa. Il-Kunsill qabel li l-Vici Sindku Carmen

9.15 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward ta' l-Iskema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014 Memo 25/2013 fejn il-Kunsill gie infurmat li ser jinghata s-somma ta' €4000.00 sabiex jigi organizzat Seher il-Punent 2014.

9.16 Minghand is-Social Work Unit fejn il-Kunsill gie mitlub jekk jaccettax li jkun hawn servizz ta' social worker mill-ufficju tal-Kunsill Lokali darba fil-gimgha ghall-persuni b'60 sena 'il fuq. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

9.17 Minghand Transport Malta fir-rigward ta' talba ghall-double yellow lines quddiem l-iskola Primarja Karmni Grima, t-tarag tal-Kunsill Lokali l-Gharb u r-rampa tad-disabled fl-istess triq. It-Transport Malta issuggerew li minflok double yellow lines issir bankina. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

9.18 Minghand Richard Azzopardi, fir-rigward ta' esibijoni fis-sala ta' l-istitut Taljan. Il-Kunsill qabel li ser jintalab lis-Sur Azzopardi jekk jixtieqx itella' din il-wirja waqt l-attivita' ta' Seher il-Punent.

9.19 Minghand NSTF Science fejn il-Kunsill gie mitlub jipprezenta ktieb tas-Science lill-istudenti li kienu qeghdin jippartecipaw f'kompetizzjoni tas-Science gewwa Ghawdex. Il-Kunsill qabel ma' din il-prposta.

9.20 Minghand ic-Centru Parrokkjali l-Gharb fir-rigward ta' proposta ghall-kollabrazzjoni mall-Kunsill Lokali l-Gharb fir-rigward tas-Summer Club. Dan il-punt diga gie diskuss aktar kmieni.

9.21 Minghand Handson fleet fir-rigward ta' monitoring tal-vetturi tal-gbir ta' skart.

9.22 Minghand Clifford Vella fir-rigward ta' kotba li huwa ppublika u li ghandu ghall-bejgh.

9.23 Minghand Yellow Pages (Malta) Ltd fejn il-Kunsill jista' jitnizzel fl-edizzjoni li jmiss. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jitnizzel f'dan id-direttorju.

9.24 Minghand *The English Speaking Union of Malta Gozo Branch* fir-rigward ta' servizzi li huma joffru sabiex jghinu fit-taghlim tal-lingwa ingliza.

9.25 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Iskola Primarja Karmni Grima:- Proposta sabiex meta l-Kunsill ikun ser jaghti isem lil xi triq gdida fil-lokalita' jigi ikkunsidrat l-isem ta' Rikkardu Buhagiar (Richard Buhagiar) li kien l-ewwel surmast ta' l-iskola ta' l-Gharb. Il-Kunsill iddecieda li jekk ikun hemm il-kaz ta' xi isem ghal triq gdida din ghandha tittiehd in konsiderazzjoni.

Talba sabiex il-Kunsill tittella' field day bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

Taba ghall-kollaborazzjoni waqt l-attivita' tal-fitness day li ser tigi organizzata mill-iskola. Il-Kunsill jaqbel mat-talbiet ta' kollaborazzjoni li qeghdin isiru mill-iskola pero' l-iskola ghandha tikkonbriwixxi billi toffri l-uzu tas-sala ta' l-iskola lill-Kunsill.

Talba sabiex il-gandott li hemm mall-ground tas-*synthetic* jinghalq sabiex jitnehha il-periklu. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-iskola sabiex taghmel din it-talba lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

9.26 Ghall-istess gurnata fis-6.30pm kienet ukoll imsejha u avzata kif mitlub fil-ligi l-laqgha generali annwali. Il-membri stennew pero' hadd ma attenda.

**10.0 Aggornament**

10.01 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar il-Hamis 3 ta' April, 2014.

10.02 Il-laqgha spiccat fl-7.10pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| Louis Apap | Emily Amatulli Depasquale |
| Sindku | Deputat Segretarju Ezekuttiv |